## Qorti Civili
## (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru.  70 / 09RGM

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fil-hmistax (15) ta' Lulju elf, disa mija, tmienja u tmenin (1988) kif jidher mic-certifikat taz-zwieg, u minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal Larken Cta'dsatax-il sena (19), Loujean ta' sittax-il sena (16) u Leighann ta' erbatax (14)-il sena;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarrket irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-intimat fosthom abbandun, sevizzi, minacci, vjolenza, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti u inkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti sabiex tipprocedi ghas-separazzioni personali;

Jghid l-intimat CB ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-partijiet bi htija unikament tal-intimat minhabba ir-ragunijiet fuq premessi;

Tafda lir-rikorrenti l-kura u kustodja tal-ulied Loujean u Leighann;

Tiffissa u tordna lill-intimat ihallas ghat-tfal u ghar-rikorrenti manteniment xieraq kif jidrilha din l-Onorabbli Qorti u li tali manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-'employer' tal-intimat u/jew minn kull 'employer' futur tieghu;

Tikkundannah sabiex jikkonsenja lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lilha qabel iz-zwieg, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parte d-diposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili;

Taqsam u tiddividi l-assi tat-komunjoni tal-akkwisti taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni minn Nutar nominandi f'data li tigi ffissata ghall-iskop;

Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-intimat CB fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiv;

Tawtorizza lir-rikorrenti tghix wahidha flimkien mal-ulied taghhom fid-dar matrimonjali 103, Lechuza, Triq Giovanni Barbara, Hamrun u dan ad eskluzjoni tal-intimat CB wara li dan abbanduna l-familja u d-dar matrimonjali f'Ottubru, 2008.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri fl-atti tal-ittra quddiem dina l-Onorabbli Qorti inkluz rikorsi u risposta tar-rikorrenti, tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-intimat CB li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-ewwel paragrafu tar-rikors promotur mhux kontestat bl-ebda mod;

Illi ghad li huwa minnu illi z-zwieg tieghu mar-rikorrenti martu tfarrak irremedjabilment dana ma kienx ghall-tortijiet imputabbli lilu kif hija qieghda

tallega izda ghall-kuntrarju u dana kif ser jipprova waqt is-smiegh tal-kawza ghall-kawzi unikament imputabbli lilha;

Illi huwa jichad kategorikament l-adebiti indikati fit-tieni paragrafu tar-rikors promotorju u dana stante illi huwa mhux talli qatt ma abbanduna lill-martu u l-familja izda talli ghall-tletin sena shah fosthom l-ghoxrin ta’ matul iz-zwieg huwa dejjem hadem u stinka biex jaghti l-ahjar lill-martu u lil uliedu u x-xoghol li dejjem hadem fih kien wiehed ta' periklu stante li huwa jahdem barra minn Malta fuq 'rigs' u bjar taz-zejt madwar id-dinja;

Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni martu dejjem zammet kontroll assolut fuq il-finanzi tal-familja u tul iz-zmien nefqet dak kollu li kien jahdem ghalih zewgha tant illi f’dan iz-zmien kollu il-koppja qatt ma faddlet xi flus u dana sa fejn jaf l-intimat;

Illi jekk ghandha tigi ddikjarata is-separazzjoni dina ghandha tkun abazi ta' htijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti li kawza tal-abbuzi serji taghha, inkluz adulterju kif ukoll provokazzjonijiet kostanti u tberbieq ta' flus l-esponenti kien kostrett sahansitra jitlaq mid-dar konjugali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota guramentata tal-attrici pprezentata fil-31 ta’ Lulju 2009;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Jannar 2009 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas s-somma ta’ Euro 1046 fix-xahar, kwantu ghal Euro 580 manteniment ghall-attrici u kwantu ghal Euro 233 manteniment fix-xahar ghal kull wlied minuri;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2009 fejn giet nominata l-Avukat Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010 u tal-15 ta’ Marzu 2010, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma’ nota pprezentata fit-2 ta’ Marzu 2010;

Rat x-xhieda tar-rapprezentanti tal-Banek, Audrey Ghigo, Jeanette Lepre’, Mark Sammut u Ronald Attard li xehdu fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-Digriet tas-26 ta' Mejju 2010 fejn il-Qorti ordnat provizorjament li l-manteniment tal-attrici jkun ta' Euro 186 kull erba' gimghat u dak ghaz-zewg ulied ikun ta' Euro 117 ghal kull wild minuri u li dawn jithallsu direttament mill-paga tal-konvenut;

Rat ix-xhieda ta' Audrey Ghigo Ghall-HSBC (Malta) plc li xehdet fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2010, ta' Dorothea Buttigieg li xehdet fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2010, ta' Jason Gatt li xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010, u tat-8 ta' Novembru 2010, u ta' Brian Farrugia ghal Transport Malta li xehed fl-istess seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attrici li xehdet fis-seduti tal-14 ta' Frar 2011, tad-9 ta' Marzu 2011, u tas-26 ta' Mejju 2011 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Martin B, hu l-konvenut, li xehed fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2011 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Jennifer Debono ghal ETC, ta' Ivan Cilia, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ta' Saviour Theuma tal-istess Dipartiment dwar Children's Allowance, ta' John Micallef ghas-CIR u l-PS C Debattista li xehdu fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2011 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fis-26 ta' Lulju 2011 li maghha gew annessi diversi sentenzi decizi mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tal-konvenut dwar n-nuqqas tieghu li jhallas lill-attrici il-manteniment kif kien ordnat mill-Qorti;

Rat id-digriet tat-28 ta' Settembru 2010 fejn gie ordnat li l-manteniment tat-tifel Lou jieqaf mid-data li jaghlaq tmintax-il sena u l-manteniment ghall-attrici gie temporanjament ridott ghal Euro 140 fix-xahar;

Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat mill-Kirurgu Anthony A Bernard dwar il-konvenut tat-18 ta' Lulju 2011;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fl-14 ta' Ottubru 2011;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2011 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat lill-Avukat Dottor Anna Mallia bhala Perit Legali;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali pprezentata fit-12 ta' Jannar 2015 u mahlufa fis-26 ta' Gunju 2015;

Rat id-domandi tal-partijiet in eskussjoni tal-Perit Legali u r-risposti reattivi;

Rat n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 meta il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**L-attrici A B**, fl-affidavit taghha Fol 79 ddikjarat li l-hajja mizzewga taghhom ma kinitx wahda 'normali' minhabba x-xoghol partikolari ta' zewgha, li billi kien jahdem fuq l-oilrigs, kien jqatta' hafna zmien barra minn Malta. Hi tapprezza l-fatt li zewgha kien jahdem f'dan ix-xoghol riskjuz ghall-gid tal-familja, izda din t-tip ta' hajja kellha konsegwenzi hziena fuq iz-zwieg. Hu kien jqatta' il-parti l-kbira tas-sena barra minn Malta, 'l boghod mill-familja u ghalkemm dan ma sarx b'kapricc effettwa b'mod hazin iz-zwieg taghhom. Hi pero' qatt ma kienet ser tipprocedi ghal separazzjoni personali ghal din r-raguni, hi dan ghamlitu ghax zewgha nsista li jibda jghix ghar-rasu u jsib nisa ohra.

Kemm in-natura tax-xoghol li kien jahdem kif ukoll il-fatt li kien jaghmel zmien twil msiefer biz-zmien kellhom l-effett li ghamluh bniedem aktar nervuz, jitlef il-pacenzja malajr minghajr ma jinduna. Id-dar kien jagixxi bl-istess mod daqs li kieku kien fuq ix-xoghol, kien jitkellem jghajjat u anke fuq haga zghira kien 'jibda jitmashan u jitlef il-pacenzja f'hakka ta' ghajn'. Hi ghamlet is-snin tissaporti dan il-karattru ghax kienet taf li dan ma kienx jaghmlu apposta izda biz-zmien sar aktar aggressiv.

Fis-sena 2003 kien ghamel certu zmien pjuttost twil ma jahdimx u ghalhekk hi hasbet li kien ser jikkalma u ma jibqax tant aggressiv u z-zwieg jissahhah pero' hu baqa' ma nbidilx. Hi kienet tipprova taccetta l-karattru nervuz tieghu pero' kien jkun hemm okkazzjonijiet meta ghall-argument zghir kien beda jerfa' idejh fuqha u ghalhekk kienet tibza titniffes biex tevita xi argument. It-tnejn irrealizzaw li bdew jitbeghdu minn xulxin u s-sentimenti lejn xulxin tbattew hafna.

Ftit snin qabel it-tnejn kienu rrealizzaw li kellhom jisseparaw, pero' iddecidew li jergghu jaghtu l-ahhar cans u l-konvenut kien hareg bl-idea li jibdlu d-dar. Hi fil-bidu ma tantx kienet taqbel li jibdlu d-dar minhabba d-dejn, l-ispejjez u x-xoghol

li dan kien jirrikjedi pero' billi kellha t-tama li dar gdida jgib bidu gdid kienet accettat li jiehdu dan il-pass. Dok CS1, Fol 88 hu l-kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Vanessa Pool tat-22 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu issellfu LM10,000 mill-Bank u xtraw il-fond 103, 'Lechuza' Triq Giovanni Barbara Hamrun bil-prezz ta' LM60,000 u Dok CS2 hu il-kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor CDebono fit-23 ta' Novembru 2006, fejn huma bieghu il-fond numru 12, 'Dia Flor' Triq Guze' Bajada, Hamrun bil-prezz ta' LM60,000.

Wara s-sena 2006 r-ragel rega' sab xoghol barra, u billi kellhom bzonn il-flus u ma setax jibqa' ma jahdimx, iddecida li jerga jmur jahdem barra minn Malta. Dan kien ifisser li hi kellha tiehu hsieb l-ispejjez biex jarmaw d-dar il-gdida kif ukoll r-responsabilita' tat-trobbija tat-tlett ulied li kienu teenagers. Kien hemm ukoll l-ispejjez tal-karozza Mazda 929 li zewgha insista li jixtru fl-istess zmien li nxtrat id-dar, u l-kirjiet ta' erba garages. Hi tghid li zewgha kien jaf kif kienet qed tonfoq il-flus, kienet thallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, telephone, internet, cable TV u ghamara u fittings fid-dar il-gdida u ipprezentat dokumenti b'konferma ta' dan. Billi qatt ma hasbet li zewgha kien ser joggezzjona ghal mod kif kienet qed tamministra flusu u l-ispejjez u kontijiet li kienet thallas ma zammitx ricevuti ta' kollox.

Barra l-kont li kellhom mal-BOV il-konvenut kellu varji credit cards, fosthom Visa Gold Account li kien jhallas biha meta kien jkun imsiefer fuq xoghol, kif konfermat mill-Bank Statements tal-HSBC, Dok CS8. Il-bilanc dovut mill-credit cards kien jithallas minnha mill-kont joint li kellhom fil-BOV. Dawn kienu jammontaw ghal circa Euro 300 fix-xahar. Ghall-ikel u groceries ghaliha u ghat-tfal kienet tonfoq Euro 200 fil-gimgha circa. Xhedet li kellha bzonn circa Euro 1000 fix-xahar ghall-hajja u Euro 300 fix-xahar fuq il-credit cards li kien juza hu. Tikkalkola li kienet tonfoq Euro 300 kull tlett xhur ghal kull tifel cioe' Euro 900 ghal spejjez edukattivi, tobba,u hwejjeg. Kienet tonfoq circa Euro 1,600 fix-xahar fi spejjez ghaliha u ghal uliedha.

Kienet tixtri ghamara ghad-dar il-gdida li kien jordna l-konvenut stess meta jkun hawn Malta, kellha l-ispejjez tal-karozzi Mazda u Hyundai, petrol u insurance u citazzjonijiet li kien jaqla' zewgha billi kien jipparkja bl-addocc meta kien jkun Malta. Hi elenkat lista tal-ispejjez li kellha bejn Jannar 2006 u Lulju 2008, Fol 82, ammontanti ghal Euro 55,000. Ma dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta' Euro 1,600 fix-xahar spejjez ordinarji u rikorrenti. Hi elenkat ukoll l-ammonti li kienet tircevi minn ghand zewgha, Fol 83,li minn Mejju 2006 sa Lulju 2008 kienu jammontaw ghal Euro 83,782,61.

Meta miet missierha wirtet LM6,500 li minnhom LM2,500 investit f'bonds, li pero' kellha tohrog biex tlahhaq mal-ispejjez li kellhom. Bejn it-2006 u t-2008 rceviet minghand ommha xi LM2000 meta qasmet il-flus ta' missierha inkluz il-bejgh tal-karozza tieghu. Dan l-ammont hi ukoll uzatu ghall-ispejjez tal-familja biex tlahhaq mal-hajja ta' kuljum. Hi ma kellhiex flus zejda x'tonfoq anzi kellha tara x'taghmel biex tkopri d-differenza. Kien ghalhekk li ppruvat taqla' xi haga zejda billi taghmel xi xoghol fuq bazi part time f'banka tal-lottu. Minn dan ix-xoghol hi tikkalkola li bejn it-2006 u it-2008 qalghet mhux aktar minn LM1,500. Hi ghalhekk tinsisti li mhux talli ma berbqitx il-flus li kien jaqla' zewgha izda kellha tohrog tahdem hi ukoll biex tlahhaq mal-ispejjez.

Kien hemm ukoll l-ghajnuna ta' ommha li kienet qed thallas l-ammont ta' Euro 209 fix-xahar ghall-house loan taghha u ta' zewgha, li l-istess zewgha ma baqax ihallas. Hi ddikjarat li ghadu dovut l-ammont ta' Euro20,404.48 lill-HSBC biex jinqata' d-dejn tad-dar.

Hi pprezentat rapport li kienet ghamlet lill-Pulizija tal-oggetti kollha li Cha mieghu meta telaq mid-dar, Dok CS 11. L-aktar ta' valur kienu il-karozza Hyundai Stellar IAL 604, Mazda 929 KVN929, zewg crieket li kienet rceviet minghand il-genituri taghha, camera tar-ritratti professjonali li tiswa Euro 1,200, diversi oggetti li kienu fil-garages, fosthom generator li jiswa Euro600, ghodda fil-valur ta' Euro700, *jack* tal-hydrolic li jiswa Euro 200 u diversi oggetti ohra li nxtraw waqt iz-zwieg. Wara s-separazzjoni 'de facto' f'Lulju 2008 ma kinitx qed tlahhaq mal-ispejjez mentri zewgha sa Mejju 2009 kien ghadu qed jaqla' Euro 4,000 fix-xahar. Ghalkemm naghta digriet fil-5 ta' Jannar 2009 biex jhallasha manteniment kien biss wara li ghamlitlu Sekwestru li thallset xi haga minnhom.

Hi tichad li kkommettiet adulterju, tinsisti li hi dedikata ghall-familja, u li kienet tahdem ma' Charles Poole, illum mejjet fil-banka tal-lottu. Veru li darba kienet waslitu l-airport ghax ma kellux minn iwaslu, tant ma kellhiex x'tahbi li kienet hi stess li qalet lill-zewgha b'din ic-cirkostanza.

Meta l-konvenut telaq mid-dar fit-2008 saret taf li hu mar jghix ma' certa Doreen Zammit, Dok CS 10 jikkonferma li zewgha kien halla maghha xi flus li kellha taghti lill-binhom propju ghax kienu jghixu flimkien u kien hemm certa intimita' bejniethom. Din Doreen kienet tghix mieghu fil-flat li kien kera f'Bugibba, ir-relazzjoni taghhom intemmet f'Dicembru 2008 u wara hu beda relazzjoni u jghix ma' Rita Agius. Hi kienet skopriet li kien qed jghix ma' Rita Agius meta kienet marret tfittxu biex titolbu jhallasha l-manteniment. Din Rita Agius ammettiet li qieghda f'relazzjoni ma' zewgha fi stqarrija li ghamlet mal-Pulizija il-PS 561

David Portelli billi kienet irrapportat lill-attrici ghax marret wara l-bieb taghha, fejn kien hemm zewgha, biex titolbu jhallasha il-manteniment.

**CB, il-konvenut**, xehed fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2010 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, Fol 257. Hu ddikjara li hallas Euro1592.35 kera ghall-garage fil-Qawra, li dam ghandu ghal sena, minn Dicembru 2008. Hallas ukoll il-kera ta' flat li kien kera minghand Ingliz fil-Qawra, fl-ammont ta' Euro2795.25 ghal tmien xhur kera, li kien ta' LM120 fix-xahar. Iddikjara li qatt ma kellu nisa jghixu mieghu. Kien jghix wahdu hemm izda gieli kien mar it-tifel Loujean li kien jiehu lill-gharusa mieghu. Ma kienx jaf kemm-il darba raqad hemm it-tifel, hu kien jaghmel hames gimghat msiefer fuq xoghol u hames gimghat hawn. Ic-cavetta tal-post kien jhalliha mat-tifel. Dwar Doreen Zammit qal hekk:

"Waqt li kont Malta gieli raqdet Doreen hemm hekk. Nghid li ma ghandi l-ebda relazzjoni u qatt ma kelli relazzjonijiet ma' din Doreen, daqqa ta' sieq u barra', ltqajna il-Qorti kont nghinha nwassalha ghand l-avukat."

Hu ddikjara li kienet marret torqod ghandu ghax zewgha kien kecciha 'l barra. Hu henn ghaliha u offrilha saqaf, ma garret xejn gabet biss bictejn hwejjeg. Dammet tghix ghandu tlett gimghat, wara marret tghix go flat ghaliha. Hu ddikjara li qatt ma mar ghandha u li ma jafx fejn qieghed dan il-flat. Fil-flat tieghu kien hemm zewgt ikmamar tas-sodda, f'wahda minnhom kien jorqod it-tifel ma' l-gharusa, hu kien jorqod fil-main bedroom u Doreen fis-salott, li skont hu kellha relazzjoni ma' ragel iehor.

**Audrey Ghigo**, ghall-HSBC Malta plc, Fol 267, ipprezentat disa' dokumenti markati Dok AG1 sa AG9 li juru l-kontijiet f'isimhom personalment kif ukoll joint accounts mit-2005. Ipprezentat ukoll Dok AG 10 u Dok AG 11 li huma il-vouchers li bihom kien jihallas il-Loan Account u kkonfermat ukoll li saru xi pagamenti minn terzi fl-istess Loan Account.

**Jeanette Lepre**, ghall-Lombard Bank Malta plc, Fol 267 u Mark Sammut ghall-APS Bank Fol 268, ikkonfermaw li mir-ricerki li ghamlu ma rrizultax li l-partijiet kellhom xi kontijiet fil-Banek minnhom rapprezentati.

**Ronald Attard** ghal BOV plc, Fol 268, ipprezenta dstax il-dokument markati Dok RA1 sa Dok RA 19 li juru il-kontijiet bankarji tal-partijiet kemm personalment kif ukoll joint accounts.

**Audrey Ghigo** ghall-HSBC Bank (Malta) plc Fol 478, ikkonfermat li l-pagamenti li saru fil-Loan Accont tal-partijiet fit-29-07-09,31-08-09,2-10-09,30-10-09.27-11-09,u 28-12-09 saru minn Dorothea Buttigieg.
L-istess Dorothea Buttigieg, Fol 481, omm l-attrici, ikkonfermat li l-hlasijiet saru direttament mill-kont taghha fl-HSBC ghall-Loan Accont fuq id-dar tal-partijiet.

**Jason Gatt,** ghall-HSBC Bank (Malta) plc, Fol 484, ikkonferma li hemm Savings Policy Plan Numru 100-015081 f-isem il-partijiet u s-surrender value hu ta' circa Euro 3530.36 u li l-pagamenti fl-ahhar hames snin saru minn joint account tal-partijiet.

F'isem l-attrici hemm polza numru 330 001 462 tat-tip Home Loan Reducing Protection din il-polza tkopri l-bilanc li jkun ghadu dovut f'kas ta' mewt.

**Brian Farrugia**, ghal Transport Malta, Fol 502 ipprezenta zewg dokumenti Dok BF 1 li jelenka l-vetturi registrati f'isem l-attrici u Dok BF 2 li jelenka l-vetturi registrati f'isem il-konvenut. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li f'isem l-attrici huma registrati il-vetturi Opel Corsa LCF 339, Honda CRX KAE 534, u Skoda Favorit FBC 092. F'isem il-konvenut hemm registrati il-vetturi Mazda 929 KVN 929, Renault Fuego JAN 379, u Hyundai Stellar IAL 604.

**Martin B,** hu l-konvenut, Fol 546, iddikjara li ommu ghadha hajja izda missieru ilu mejjet 22 sena. Qabel miet kien qallu li kellu kaxxa bil-flus ghand il-gara Ms Seguna illum mejta, li kienet tatu din il-kaxxa. Fija kien hemm xi LM7,000 jew LM 7,500 li hu qasam ma' huh l-konvenut. Kien hemm xi oggetti ohra bhal T.V. fridge u Kenwood li kien hadhom l-konvenut billi hu kellu dar attrezzata. Il-fond fejn kien joqghod missierhom kien mikri u kien rcevew rigal meta l-post inkera lil hadiehor, li qasam ma' huh. Iddikjara li ma jiftakarx kemm kien dan ir-rigal. Hu kien irrakkomanda lill-attrici biex hi u huh jirrangaw bonarjament anke ghaliex il-Bank kien impona terminu fuq il-post. Iddikjara li hi qaltlu li ma kinitx ser tbiegh ghax il-Gvern ma kienx ser jaghtiha post iehor. Jikkonferma li l-koppja kellhom episodji ta' glied billi hu ma kellux bedroom, hi kienet tinsisti li jorqod fil-kamra tal-bejt. Hu u martu kienu marru ghandhom biex jipprovaw jikkalmawhom. Darba l-attrici talbietu LM 100 biex thallas il-kont tad-dawl u l-ilma u dammet sitt xhur biex thallshom lura u billi huh kien jahdem ma' taz-zejt, u kien jaqlaghha tajjeb kien beda jahseb hazin fiha.

**Jennifer Debono,** ghall-ETC, Fol 551 ipprezentat l-Employment History tal-attici, market Dok JD 1 li minnu jirrizulta li wafqet mix-xoghol fil-25 ta' Dicembru 2010.

**Ivan Cilia,** ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Fol 552, ipprezenta tlett dokumenti markati Dok IC 1 sa IC 3 li minnhom jirrizulta li l-attrici recviet bhala ghajnuna socjali mit-8 ta' Novembru sat-8 ta' Lulju 2011 l-ammont ta' Euro 12,307.85 Fol 558, Euro 6,457.62 Fol 559, u Euro 2,905.51 Fol 560.

**Saviour Theuma,** ghall-istess Dipartiment sezzjoni Children's Allowance ipprezenta zewg dokumenti Dok ST 1 u ST 2 li minnhom jirrizulta li l-attrici rceviet l-ammont ta' Euro 1,333.80 Fol 561 u Euro 355.68 Fol 562, ghas-snin 2009 u 2010.

Il-**PS 1195 Conrad Debattista**, Fol 552 ipprezenta rapport li kien pprepara hu stess fit-2008 u t-2010 markati Dok PC 1 u PC 2. Dwar ir-rapport tat-30 ta' Jannar 2010 kienu ittiehdu passi u dwar ir-rapport l-iehor kienu ammonew lill-attrici billi kienu hafru lil xulxin. Jaf li saru rapport mill-attrici kontra il-konvenut zewgha.

L-attrici, b'nota pprezentata fit-28 ta' Lulju 2011, Fol 580, annettiet ghaxar sentenzi kontra il-konvenut dwar l-arrettrati tal-manteniment decizi mill-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Giudikatura Kriminali prejeduta mill-Magistrat Dottor Anthony Vella.

**CB**, l-konvenut, ipprezenta l-affidavit tieghu b'nota tal-14 ta' Ottubru 2011 flimkien ma' ghoxrin dokument. Hu ddikjara, Fol 623, li dak li wassal ghas-separazzjoni kien it-tberbiq u t-tqassim hazin tal-flus da parti ta' martu li kienet fdata bl-amministrazzjoni tal-flejjes kollha u minn dejjem, in-nuqqas ta' stima lejh bhala zewgha u t-trobbija hazina tal-ulied. Hu ammetta li ma jafx skola u kien ghalhekk li dejjem fittex xoghol ma' taz-zejt fuq ir-rigs. Ilu f'dan ix-xoghol minn meta kien ghadu guvni sa mill-1978. Dejjem hadem b'sagrificcju, il-boghod minn pajjizu jahdem f'xoghol perikoluz hafna izda dejjem qala' l-flus. Tul hajtu qala' hafna flus izda illum ma ghandux sold fuq x'hiex jahlef. Jammetti li ghandu parti mit-tort ghax jghid li feda wisq lill-martu, pero' qatt ma haseb li kien ser jigi abbuzat.

Hu zzewweg lill-attrici fin-1998 u meta kienu ghadhom gharajjes xtraw l-ewwel post taghhom fil-Mosta, li kien ghadu gebel u saqaf bil-prezz ta' LM7,000. L-attrici kienet hallset id-depozitu ta' LM2,000 u il-bilanc kien jithallas LM100 fix-xahar lil certu Gianni li kien bieghilhom il-post. Hu kellu paga ta' LM500 fix-xahar u hi kienet taqla nofs il-paga tieghu. Ma' kull paga li kien jircevi minn barra kien jaghmel xi spejjez fuq il-post biex jfittxu jilestuh. Minn flusu ghamel il-madum tar-resin tal-post, bini ta' washroom bil-madum u l-aluminium b'kollox, sett tal-banju, bil-madum u suffit, 5 bibien tal-kewba, bieb ta' barra tal-kewba, spotlights fil-kmamar kollha u 'intercom'. L-ispiza kienet ta xi LM6,350. Kien

biegh mutur bil-prezz ta’ LM1,000 biex xtara l-kamra tal-banju. Hadu loan zghira ta LM2,600 mill-Lohombus meta r-rig li kien jahdem fuqu waqaf mix-xoghol, pero’ wara ftit rega’ beda jahdem din d-darba bhala assistant driller bil-paga ta’ LM1,000 fix-xahar. Iddikjara li hallas ghas-sala tar-riceviment tat-tieg, il-karozzi, il-fjuri, il-muzika, il-kiri tal-hwejjeg tax-xhieda u d-drapp tal-libsa tal-gharusa. Marru joqghodu ghand ommha il-Marsa billi ma kellhomx kcina fil-post. Meta fin-1990 miet missieru wiret LM3,500, bihom ghamel il-kcina u marru joqghodu il-Mosta. Wiret ukoll washing machine, T.V, xi deheb u cufflinks tad-deheb tal-valur ta’ LM600. Kellhom tlett itfal u wara erba’ snin il-Mosta l-attrici riedet tmur vicin ommha il-Hamrun kontra l-parir ta’ missierha. Iddecidew li jbieghu il-post tal-Mosta u xtraw post il-Hamrun b’dejn ta’LM10,000. Kien wieqaf mix-xoghol minn barra u kien jahdem sieghat twal f’Malta bhala crane operator. Lanqas lit-tfal ma kien qed jara, hu jahdem u l-flus f’idejha. Kien jahdem bla wafqien u l-flus qatt ma jservu. Martu dejjem tilmenta li kienet fil-bzonn u ommu ghaddietilhom LM2,500, anke omm l-attrici kienet tghaddilhom il-flus pero’ billi l-flus dejjem f’idejha hu qatt ma kien jaf kemm kienu l-ammonti. Rega’ beda jahdem barra minn Malta u anke fix-xahar li kien jkun Malta kien jahdem. Meta kien jistaqsi x’qed jsir mill-flus, jibdew l-argumenti, ma kinitx ittieh sodisfazzjon u tghid li ahjar jerga’ jitlaq lejn id-dezert.

Biz-zmien bdew jizdiedu l-argumenti bejniethon fuq il-flus, martu kienet tkun kuntenta aktar meta jasal iz-zmien biex jitlaq minn meta kien jigi lura. Lit-tfal kienet taghtihom kull ma jridu, trabbew fil-hela minghajr ma jirrealizzaw il-valur tal-flus. Kienet tonfoq xi LM70 f’laham fil-gimgha billi l-hbieb tat-tfal kienu jieklu ghandhom. Anke ommha kienet tigbdilha l-attenzjoni li kienet qed tonfoq wisq fuq l-ikel. Kienet thallas ghal hafna multi ghax it-tfal kienu jiskartaw l-iskola.

Xtara karozza, Renault JAN 379 bil-prezz ta’ LM900, pero’ martu naqset li thallas l-licenzja u annetta bhala Dok BA2 u BA3 il-kontijiet ta’ Transport Malta. Baqa’ bilanc ta’ Euro 1505.43 x’jithallas bhala licenzji b’lura sa mill-1999. Wara li din giet skrapped xtara Hyundai Stellar IAL 604 bil-prezz ta’ LM1,500. Din il-vettura kienet tintuza minnha ukoll u anke fuq din il-vettura hemm l-arretrati tal-hlas tal-licenzja kif konfermat mid-Dokument BA3. Billi martu ma qablitx mieghu li din l-karozza tigi skrapped qalghu hafna multi billi thalliet mitluqa hdejn id-dar u f’mument ta’ rabbja hadha biex tigi skrapped u tawh biss LM60. Fuq din il-vettura kien hemm multi pendenti fl-ammont ta’ Euro 1044.30 Dok BA 3. Wara xtraw Mazda bil-prezz ta’LM1,500 ghamel spejjez ta’ elf lira fuqha u illum tinsab fil-garage billi ma ghandux flus biex jhallas il-licenzja u l-insurance.

Ikkonferma li kien dilettant tad-DVD's u diski u jikkalkula li nefaq xi LM2,500 fuq dan id-delizzju. Martu kienet tgerger ghax dak li jonfoq hu kienet tarah kapricc. Hassu iddispjacut meta t-tifel Loujean ghamel il-grizma, ommu organizzat ikla il-Coastline Hotel meta hu kien msiefer fuq xoghol. Anke huh li kien il-parrinu hass li ma kellux jmur la lanqas missieru ma kien hawn Malta.

Jghid li martu kienet tonfoq bl-addocc waqt li hu kien jistinka jahdem fid-dezert; tant kienet tonfoq li darba ssellfet il-flus minghand huh biex thallas il-kont tad-dawl u l-ilma. Fis-sena 2005 hassew li r-relazzjoni taghhom falliet u bdew il-proceduri ta' separazzjoni pero' iddecidew li jaghtu cans iehor u hasbu li b'dar gdida setghu jibdew hajja gdida. Ghamlu loan mal-HSBC, ippruvaw jibdlu hajjiethom izda kien kollu ta' xejn. Il-glied fuq il-flus kompla jizdied mhux jonqos. Kienet tissakar fil-kamra tas-sodda u ma thallihx jidhol. Kienet igib l-iskuza tat-tfal.

Fis-sena 2008 iddecieda li ried jkun jaf x'qed jsir bi flusu, talab statement mill-Bank, li ma tawhx billi l-kont kien fuq isimha, cempillha biex tmur il-Bank u tigbor lis-statement, li hu anness mal-affidavit u market Dok BA6. F'dan il-kont li kien f'isimha kienet tidhol il-paga tieghu.

Hu elenka d-depoziti li saru minnu bejn Mejju 2006 u Lulju 2008. Mill-31 ta' Mejju 2006 sal-14 ta' Dicembru 2007 gie depozitat total ta' LM35,853.04 (Euro83,515.12) u bejn is-7 ta' Jannar 2008 u t-30 ta' Lulju 2008 gie depozitat total ta' Euro22,795.12, b'kollox Euro106,310.24. Apparti l-paga tieghu fl-istess kont gew depozitati Euro9,785.95 li l-attrici qalet li wiertet minghand missierha u l-ammont ta' Euro2,901.63 li rceviet bhala Children's Allowance. L-ammonti kollha depozitati jgibu total ta' Euro118,997.82.

In oltre, hu kien ghadda lill-martu cheque ta' Euro2797 minghand Peter Sullivan Marine Co. fit-2006 u iehor tal-Mandy Care Dockyard f'Dicembru 2006 ghal Euro1,398. Fis-sena 2005 hadem xahar fir-Russia u qala' Euro15,244.

Meta staqsa lill-martu ghaliex kienet qed tizbanka ammonti sostanzjali kuljum hi kienet tirrispondi li kienu ghall-htigijiet tal-familja.

Il-konvenut ghalhekk iddecieda li jiftah kont f'ismu. Mill-ahhar paga li dahlet fil-kont taghha hallsu Euro1900 lill-ommha, hallsu pagament tal-post u l-bilanc qasmuh bejniethom. Kien minn hemm li rega' beda jinqala' l-inkwiet bejniethom, tant li kien irrikorra ghand avukat biex jergghu jibdew il-proceduri ta' separazzjoni. F'dak iz-zmien spicca jorqod fuq is-sufan jew fil-kamra tal-bejt. Meta ghamel xirja hu u nefaq Euro91 qaltlu li dak li xtara kien 'zibel'. Fis-27 ta'

Awwissu 2008 gibdet Euro1,000 minn fuq il-Visa Gold Card registrata f'ismu, u dwar dan ghamel rapport mal-Pulizija Dok BA 11.

Minn meta fetah l-kont f'ismu kompla jhallas hu il-house loan mal-Bank.

F'Ottubru 2008 wegga' fuq ix-xoghol u kellu bzonn jopera ruhu, talab lill-martu biex taghtih hwejgu u l-bzonnijiet ghall-operazzjoni izda ma riedet ittieh xejn u kienet ommu li ghinitu biex jixtri dak li kellu bzonn. Wara l-operazjoni mar ghand ommu biex iddur bih hi billi id-dar ma kienx ser issib ghajnuna. Wara li rkupra kellu jikkri flat ghax sar impossibbli ghalih li jirritorna d-dar billi kienu jiggieldu kontinwament, hi tipprovokah bid-dwiefer taghha ma' wiccu. Hu jghid li kien gie kostrett jabbanduna daru. Dan ghamlu fuq parir tal-Pulizija stess billi kien jitlobhom l-assistenza taghhom biex jkun jista' jidhol id-dar. Kien insista mal-Pulizija biex jordnawlha tiftah il-kamra tas-sodda biex jiehu l-affarjiet personali tieghu fosthom dawk medici, izda bl-ghajjat u t-twerziq taghha dan ma kienx possibbli. Jghid li l-unika affarjiet li ha kienu hwejgu, kamera tar-ritratti, l-ghodda u l-karozza. Jammetti li bejn Awwissu u Dicembru 2008 ma kienx ghadhielha flus hlief mitejn Euro tramite ommha fil-bidu ta' Jannar 2009. Kellu jerga jibda kollox mill-gdid billi ma kellu xejn, xtara fost affarjiet ohra, computer li kellu bzonnu ghax-xoghol. Lista ta' dawn l-ispejjez tinsab a Fol 665 DokBA 13.

Dan kien zmien difficili hafna ghalih billi martu kienet tibghatlu messaggi u telefonati b'hafna tghajjir u insulti. Kellu jirrikorri ghand il-Pulizija meta rceva theddida minn ghand it-tifel Loujene, Dok BA 14 u Dok BA 15.

Fit-28 ta' Frar 2009 il-kumpanija li kien jahdem maghha wafqet mix-xoghol u thallas biss sa Mejju tal-istess sena. Ipprova izda ma rnexxielux jerga' isib xoghol fuq ir-rigs, beda jirregistra u beda jircevi Euro 68.87 fil-gimgha, Dok BA 17, Euro275.48 fix-xahar. Kien kostrett jitlaq mill-flat u l-garage li kien kera u jmur jghix ghand ommu. Sa dan it-tant martu hadhet il-flus li kellu fil-kont ammontanti ghal Euro6,974.70, kienet kull xahar tfittxu kriminalment ghall-manteniment. Hi qalghet Euro1435 mix-xoghol fil-banka tal-lottu u Euro 7687 mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li minnhom l-ammont ta' Euro1239.66 kien id-dhul tieghu bhala beneficcju tal-qaghad.

Hu ddikjara li martu kellha dhul ta' Euro 6,447.34 u manteniment ta' Euro 1,046 fix-xahar. Hi kienet komda u hu ma kellux x'jiekol. Fis-26 ta' Frar 2010 kellu jaghmel gimgha detenzjoni.

F'Novembru 2009 sab xoghol ma' Polidano Group bil-paga minima. F'Lulju 2010, waqa' minn fuq craine, kiser siequ, gie operat ma setghax jahdem u qed

jircevi Euro135.25 bhala injury benefits mis-Social Services. Mal-kumpanija Polidano Group spicca bid-dejn, kellu jirrikorri ghand psikjatra Dottor J P Giorgio li ppreskrivilu pilloli fosthom kalmanti u jonfoq aktar minn Euro 40 fil-gimgha li qed jirrnexxielu jixtri bl-ghajnuna ta' ommu.

Billi ma baqax intitolat ghall-Injury Benefit qed jircevi biss l-ammont ta' Euro 69.96 fil-gimgha pero' ghandu jaghti lill Polidano Group l-ammont ta' Euro 1,604.47.

Hu jikkolkola li d-dar matrimonjali tiswa Euro 175,000 pero' ghadu pendenti il-bilanc dovut lill-Bank ghall-House Loan fl-ammont ta' Euro 18,326.30 Dok BA 26 Fol 776. Billi kienu ser jittiehdu proceduri legali mill-Bank, hu pprova isib il-bejgh taghha izda sab hafna opposizzjoni minn martu. Wahhal tabella 'For Sale' u hi marret taqlaghha, jekk isib lil xi hadd interessat tispicca ma tiehdux jara d-dar, darba ohra kellha xi tghid ma' wiehed mill-agenti. Ghamel l-avvizi fil-Gazzetta biex tinbiegh d-dar Dok BA 27 u hi ghamlitlu rapport lill-Pulizija li kien qed jaghti n-numru tal-mobile taghha lil nies barranin. Fis-27 t' April 2011 tlett tijiem biss qabel ghalaq il-moratorium koncess mill-Bank, l-attrici hallset l-ammont ta' Euro 5,256 li kienu l-arretrati dovuti fuq il-Loan mal-Bank. Hi ntrabtet li tkompli thallas Euro 326.27 fix-xahar, mentri hu kellu jhallasha Euro 257 fix-xahar ghaliha u ghat-tifla.

Il-konvenut iddikjara li tghinu ommu biex jghix u jixtri l-pilolli li ghandu bzonn. Fis-17 ta' Jannar 2011 rceva messagg minghand bintu li xtaqet tiltaqa' mieghu. Hu ha gost hafna b'dan u kien sorpriz ghax kienet anke xehdet kontrih fil-Qorti, pero' ma damx ferhan ghax l-iskop tal-laqgha kien biex tinformah li harget tqila. Staqsiha dwar il-missier u qaltlu minn kien. Sar jaf li hu l-istess persuna li jidher fir-ritratt fuq il-bejt tad-dar taghhom Dok BA 29, Fol 795. Staqsiha jekk missier it-tarbija kienx lest li jassumi r-responsabiltajiet tieghu u qaltlu li kemm ommha u kemm hutha ammonewh biex ma jharisx lejha u kienet ser tirregistra t-tarbija 'Missier mhux maghruf', biex tiehu l-beneficcji socjali. Hu uriha li ma kienx kuntent b'din id-decizjoni pero' ma seta' jaghmel xejn billi l-kura u l-kustodja huma f'idejn l-attrici, lilu ghal-flus biss iffittxuh. Wara sar jaf li t-tifla harget mill-iskola u raha tahdem diversi drabi f'restaurant f'Tas-Sliema jismu 'Le Malte'. Sar jaf, mhux minghandha li f'Lulju weldet tifel.

Ikkonkluda l-affidavit tieghu billi elenka l-oggetti li jinsabu fid-dar matrimonjali.

Meta xehed in kontroezami, Fol 930 fit-30 ta' Ottubru 2012, il-konvenut iddikjara li kien qed jahdem ma' John's Garage bil-paga ta' Euro 500 fix-xahar. Il-konvenut rega' xehed in kontroezami fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 mizmuma

mill-Perit Legali, Fol 979. Dwar ir-ritratti Dok BA 7 Fol 655 iddikjara li gharaf lill-mara tieghu u lil Dr Charles Poole, u li dan kien s-sieheb taghha ghax 'kienet izzomlu il-kelb, tiftahlu il-Banka tal-Lottu u tmur ghalih meta jsiefer'. Kompla li Poole ilu mejjet xi snin u li jista' jkun li miet meta bdew is-separazzjoni. Kien qabbad investigator gharbi ghal xaharejn u dawk kienu l-unika ritratti li pprovdielu. Ammetta li ghandu jaghti lill-mara Euro 10,000 f'arretrati ta' manteniment u li tohodhom meta jinbiegh il-post.

**Is-Surgent Raymond Ambrogio**, li xehed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, Fol 977 ikkonferma li kien jaf lill-partijiet ghax il-mara ta' spiss kienet taghmel rapport li r-ragel ma kienx qed ihallasha manteniment u hu kien jibghat ghalih. Kien jghidlu li ma kienx hallasha manteniment meta waqaf mix-xoghol u li kien ser ihallasha b'lura meta jerga jibda jahdem. Jaf li kien beda jahdem ma' Polidano Brothers u li wegga' fuq ix-xoghol. Qal li fis-sena 2011 kien ra lill-attrici f'restaurant f'Paceville ma' ragel filghaxija u kien wahedhom qed jieklu hemm.

Dwar dan l-attrici xehdet fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 981. Ikkonfermat li darba marret tiekol hemm ma' ragel, ma riditx taghti informazzjoni dwaru, kkonfermat li fit-2011 kienet taf lil dan r-ragel bhala hbieb biss, iddikjarat li xi kultant tohrog ghal drink mal-hbieb Paceville jew Bugibba u kkofermat li ma ghandha relazzjoni ma' hadd.

**Roberto Poole**, bin Charles, xehed fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012 quddiem il-Perit Legali, Fol 985. Hu kkoferma li lill-attrici kienu jisilfuha il-karozza Pajero, billi kien jkollha il-flus tal-Banka tal-Lottu biex ma toqghodx tigri bil-flus fuq tal-linja.

Il-**Perit Legali Dottor Anna Mallia** halfet ir-rapport taghha fis-26 ta' Gunju 2015, Fol 1142 et seq. Hi wasslet ghall-konkluzzjonijiet segwenti:

L-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, hi tikkonkludi li l-htija tal-firda hi attribwibbli lit-tnejn Fol 1186; it-tieni talba ghandha tigi michuda, billi l-ebda manteniment ma hu dovut lejn xulxin fol 1186, u t-tfal huma illum kollha maggiorenni; it-tielet talba attrici, biex il-konvenut jigi kkundannat jirritorna lill-attrici l-oggetti li kienu jippartjenu lilha qabel iz-zwieg, jew il-valur taghhom, ghandha tigi milqugha; ir-raba' talba attrici, li tigi dikjarata xjolta il-komunjoni tal-akkwisti u l-applikazzjoni tal-Artikoli 48,51 u 55 tal-Kodici Civili ghandha tigi milqugha in parti cioe' limitatament ghall-Artikolu 55 u mhux l-Artikoli 48 u 51; il-hames talba attrici, li tigi diviza il-komunjoni tal-akkwisti, tigi milqugha; is-sitt talba attrici li jigi nominat kuratur ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut, ghandha tigi milqugha; u is-seba' talba attrici, li l-attrici flimkien mal-ulied tkun

awtorrizzata tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut li abbanduna l-familja u l-istess dar matrimonjali f'Ottubru 2008, ghandha tigi milqugha.

Il-Perit Legali pero', Fol 1191 tirrokkamanda li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh immedjatament bil-prezz ta' Euro 175,000 jew prezz iehor li jiftehmu dwaru il-partijiet sa meta tinghata s-sentenza, u r-rikavat, wara li jithallas kullhadd inkluz il-partijiet, jinqasam ugwalment bejniethom.

Il-Perit Legali tikkonkludi li l-partijiet huma t-tnejn hatja ta' eccessi u ta' mohqrija, Fol 1181, dwar ingurji gravi, ma irrizultalhiex li kien hemm kliem u agir li joffendu l-unur u l-pudur tal-partijiet, u dwar l-adulterju tikkonkludi li l-kunfidenzi zejda huma sevizzi gravi izda mhux adulterju, Fol 1182.

Dwar arretrati ta' manteniment ikkonkludiet li hu dovut mir-ragel l-ammont ta' Euro 9,695.86, pero' billi l-ammont ta' Euro 2,198.14 gie sekwestrat f'idejn l-attrici ghandha tircevi dan l-ammont u il-bilanc ta' Euro 7,497.72, u dwar it-talbiet reciproci ghall-manteniment tal-partijiet, billi skont hi l-firda hi attribwibbli ghat-tnejn, ebda manteniment ma hu dovut lil xulxin.

Il-Perit Legali accettat l-versjoni tal-attrici, dwar beni parafernali taghha, li kienet wirtet LM6,500, li minnhom LM4,000 thallsu meta sar l-kuntratt tal-post tal-Hamrun u l-bilanc ta'LM2,500 wara li kienet akkwistat Bonds bihom, selfithom lit-tifel, li hallasha lura u spiccat nefqithom fi spejjez ghall-familja. Il-genituri tal-attrici kienu rregalawlha zewg criket, li kien hadhom ir-ragel, li ghandu jirritornhom lilha.

Dwar il-beni parafernali tar-ragel, il-Perit Legali ikkonkludiet li l-ammont ta' LM3,500 li kien wiret ir-ragel u li nefaq fi spejjez ghad-dar tal-Mosta hu ammont dovut lir-ragel.

Dwar id-dar matrimonjali, rrilevat li Dorothea Buttigieg, omm l-attrici hallset l-ammont ta' Euro 3,496.89 u li l-pagamenti tal-House Loan minn Settembru 2008 saru mill-mara biss u ghalhekk l-istess Dorothea Buttigieg, ghandha tithallas l-ammont li hallset u r-ragel ghandu jhallas lill-mara nofs il-pagamenti li saru minnha wara Settembru 2008.

Dwar il-mobbli fid-dar matrimonjali, l-Perit Legali tikkonkludi li lill-attrici ghandhom jigu assenjati l-oggetti li tawha l-genituri taghha, cioe' l-lampshade u l-kolonna, l-cutlery ta' ommha u l-labra tad-deheb tal-gamew ta' ommha.

Dwar il-kumplament tal-mobbli l-ohra fid-dar matrimonjali ssuggerit jew li ssir lista taghhom u kif ghandhom jinqasmu jew jsir elenku u stima taghhom u jinqasmu f'zewg lottijiet tal-istess valur u l-assenjazzjoni issir bil-polza. Fil-kas li l-Qorti tordna il-biegh tad-dar ghandhom jiddeciedu liema oggetti ghandhom jaqsmu u liema oggetti ghandhom jinbieghu mad-dar.

Dwar kontijiet bankarji, kull parti ghandha zzomm il-kontijiet f'isimha u l-kontijiet li hemm fuq it-tfal jinghalqu billi illum huma maggiorenni u r-rikavat jmur fuq il-House loan, dawk kongunti jinghalqu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

Poloz tal-Assikurazzjoni.

Il-partijiet ghandhom Savings Plan Policy numru 100-105081 f'isimhom it-tnejn li ghandha surrender value ta' Euro3530.56. F'isem il-konvenut ma hemmx policies u f'isem l-attrici hemm policy Home Loan Reducing Protection li f'kas ta' mewt jithallas il-bilanc tal-loan, il-polza kienet tithallas mill-loan stess. Il-Perit Legali rrakkomandat li s-Savings Plan Policy tissarraf u r-rikavat jmur bhala pagament ghall-house loan. Il-policy l-ohra tieqaf awtomatikament malli tithallas il-loan u l-partijiet ma jiehdu xejn minnha.

Dwar vetturi ikkonkludiet li kull parti ghandha izzomm il-vetturi registrati f'isimha, l-multi u arretrati tal-hlasijiet tal-licenzja, dawk inkorsi minn binhom jithallsu mill-partijiet li ghandhom ihallsu ukoll dawk l-ispejjez fuq il-vetturi registrati f'isimhom.

Kontijiet tad-dawl u l-ilma, billi rrizulta li meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Settembru 2008 kien hemm arretrati dovuti fl-ammont ta' Euro 1,050, dawn ghandhom jithallsu mir-ragel u l-bilanc jithallas mill-mara. Ir-ragel ghandu jhallas ukoll Euro 140 suspension charges billi ghal dawn ma sarux bi htija tal-mara.

Il-mara ghandha tirrifondi lir-ragel l-ammont ta' LM500 cioe' Euro 1165, taxxa minnha dovut meta kienet ghadha xebba u li thallas fiz-zwieg biex setghu jiehdu il-house loan.

Finalment ikkonkludiet li l-artikoli 48 u 51 ma humiex applikabbli ghall-kas billi l-htija tal-firda hi tat-tnejn u ghandu japplika ghall-kas l-artikolu 55 tal-Kodici Civili dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali minn ma' zewgha u tallega li l-hajja konjugali taghhom tfarket ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut fosthom abbandun, sevizzi, minaccji, vjolenza, eccessi u ingurji gravi fil-konfront taghha kif ukoll inkompatibilita' ta' karattru bejniethom.

Il-konvenut jaqbel li iz-zwieg tal-partijiet tfarrak irrimedjabilment, izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu kif qed tallega martu izda ghall-htijiet unikament attribwibbli lill-istess attrici fosthom l-adulterju, provokazzjonijiet kostanti u tberbiq ta' flusu. Hu jichad kategorikament l-akkuza li abbanduna lill-martu u lill-familja, kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali meta minhabba l-provokazzjonijiet kontinwi, il-konvivenza ma baqghatx aktar possibbli.

Il-partijiet izzewgu fil-15 ta' Lulju 1988 u ghandhom tlett itfal li illum huma kollha maggiorenni.

**HTIJA TAL-FIRDA.**

Irrizulta mill-provi li l-konvenut kien jahdem, sa minn 1978 fuq l-oilrigs barra minn Malta, xoghol perikoluz li jirrikjedi certi sagrifficji, patikolarment li min jahdem f'dan ix-xoghol jkun kostrett jirrinunzja ghall-hin prezzjuz mal-familja, il-mara u t-tfal. Hu precizament ghal din r-raguni li dan it-tip ta' xoghol jithallas tajjeb; il-paga, konsiderevolment oghlha mill-paga medja lokalment.

L-attrici tirrikonoxxi u tapprezza s-sagrificju li ghamel zewgha, bil-paga tajba li kellu bbenifikaw minnha principalment hi u t-tfal. Pero' iddikjarat li biz-zmien kienet qed tirrealizza, li zewgha, meta kien jkun Malta fil-btala mix-xoghol, kien sar nervuz u rritabbli, kien dejjem jghajjat u l-inqas battibekk jeskala ghall-konfrontazzjoni verbali aggressiva, tant li hasset n-neccessita' li biex tevita li taqla' l-inkwiet kienet taghzel li ma titniffisx.

Hu perfettament normali li dan it-tip ta' xoghol jista' jirrendi lill-haddiem kemxejn nervuz u impazzjenti, billi apparti li x-xoghol hu ta' perikolu u strapazz generalment jsir f'kondizzjonijiet ambjentali koroh, 'l boghod minn kollox bhal xi dezert jew f'nofs ta' bahar. Iz-zmien ta' btala f'dan ix-xoghol hu essenzjali biex l-haddiem jirkupra mhux biss il-forzi fizici tieghu izda ukoll dawk mentali u psikici, ghalhekk l-atmosfera serena li tipprovdi familja ssir rekwizit essenzjali.

L-konvenut, li kien qed jibghat il-paga tieghu Malta f'kont bankarju ta' martu biex din tiehu hsieb l-ispejjez tal-familja kien probabilment inkonxjament

jippretendi xi forma ta' apprezzament mill-membri tal-familja kollha, mara u t-tfal, ghal dak li kien qed jaghmel ghalihom, pero' mill-provi, ma rrizultax li kien hemm ambjent seren, felici u ospitali fl-atmosfera tal-familja. L-attrici tilmenta li ma kinitx qed tlahhaq mal-ispejjez li kellha u l-konvenut ma jistax jifhem x'qed isir minn flusu.

Apparti l-passivita' apparenti tat-tfal fil-konfront ta' missierhom, u n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar l-ahjar gestjoni tal-finanzi ghall-familja, l-akbar diffikolta' li kellhom il-partijiet kienet n-nuqqas ta' konvivenza konjugali.

Ghalkemm mizzewgin, il-partijiet ma kienux qed jghixu flimkien ghall-perijodi relattivament twal; hu kien jahdem barra minn Malta, jigi d-dar ghal ftit zmien bi btala u jerga' jitlaq, f'sena jkun qatta' ferm aktar zmien barra minn Malta milli f'Malta. F'dawn ic-cirkostanzi kien prattikament impossibbli ghall-partijiet li jiggeneraw u jikkultivaw dik l-affinita', solidarjeta' matrimonjali tant necessarja ghall-kopja li tirnexxi u tkun success. Ghall-kuntrarju, flokk mezz ta' ravvicinament u komprensjoni reciproka, dawn l-okkazzjonijiet intermittenti li l-konvenut kien jqatta' mal-familja, kienu qed jservu biss ta' sfogg ghall-frustrazzjoni, fejn hi tilmenta mill-mezzi u hu jilmenta kif dawn ghalkemm konsistenti ghall-martu ma kienux sufficjenti.

Din kienet ir-raguni principali tal-falliment taz-zwieg taghhom. Fil-ftit zmien li kien jaghmel f'Malta, l-konvenut u martu kienu jillitigaw kontinwament fuq kif kienu qed jintnefqu l-flus li l-konvenut kien jibghat minn barra. Hu kien joggezzjona ghall-fatt li martu kienet tonfoq LM70 fil-gimgha laham, biex titma lill-hbieb tat-tfal, u martu kienet toggezzjona ghall-kapricci tieghu ta' nfiq zejjed fil-karozzi u DVD's. Din is-sitwazzjoni ta' dissidji kontinwi pprecipitat u eskalat tant li it-tnejn rrealizzaw fit-2005 li z-zwieg taghhom kien falla. Hasbu li bl-akkwist ta' dar gdida kien ser jirnexxhielhom jibdlu hajjiethom ghall-ahjar, izda dan ma kienx l-kas, is-sitwazzjoni marret ghall-aghar, anke minhabba id-dejn mal-Bank u l-ispejjez konsiderevoli biex tghammar dar gdida.

Ir-responsabilita' tal-falliment taz-zwieg hi taz-zewg partijiet li ma rnexxhielhomx isibu rkaptu kif jiggestixxu din l-konvivenza saltwarja u 'sui generis'. Ma kienx kompitu facili, pero' l-partijiet t-tnejn naqsu bil-komportament taghhom u kien ghalhekk li z-zwieg ma rnexxiex. Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni u komprensjoni bejniethom, li finalment irrendew il-konvivenza impossibbli.

**ABBANDUN.**

L-attrici tghid li l-konvenut abbanduna d-dar u l-familja, l-konvenut jghid li hadem u stinka ghall-familja u telaq mid-dar meta ma setax jissoporti aktar l-provokazzjonijiet tal-mara.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppa Camilleri vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964, ntqal li:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skont il-kas minghajr raguni tajba".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech et noe**" deciza fil-11 ta' Jannar 1965, dwar l-abbandun ntqal li:

" Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minghajr giusta kawza. L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezistiex jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-guidikant".

Fil-kas in ezami r-rekwizit tat-terminu hu soddisfatt billi l-konvenut allontana ruhu mid-dar konjugali f'Settembru 2008 u qatt ma rritorna. Ghall-ewwel kera flat Bugibba u meta ma kienx f'posizzjoni li jibqa jhallas il-kera mar jghix ghand ommu. Dan mhux kontestat mill-partijiet, li pero' ma jaqblux fuq ir-raguni cioe' jekk kienx hemm giusta kawza jew le. Skont l-attrici telaq billi kien qed iffittex il-kumpanija ta' nisa ohra billi fl-istess apartament ghamlet zmien tghix Doreen Zammit u wara Rita Agius. Il-konvenut bhala fatt dan ma jichdux pero' jiddikjara li mhux dik kienet ir-raguni ghalhiex iddecieda li jitlaq mid-dar. Hu jinsisti li telaq billi f'dak l-istadju il-konvivenza saret impossibbli, glied u litigji kontinwi, bl-interventi tal-Pulizija li spiss kienet tintalab l-assistenza taghhom. L-konvenut ma setax jaccetta l-fatt li martu cahditu mill-access ghal-kamra tas-sodda, fejn apparti hwejgu u affarjiet personali kellu anke medical records, li lanqas bl-intervent tal-Pulizija ma rnexxielu jaccedi ghalihom. Hu infatti jiddikjara li l-Pulizija stess rrakkomandawlu li fic-cirkostanzi jkun ahjar ghal kulhadd li jitlaq mid-dar konjugali biex jigu evitati dawn l-incidenti bejn il-koppja.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut kellu giusta kawza li jitlaq mid-dar konjugali minhabba li l-hajja taz-zewg partijiet taht l-istess saqaf kienet saret impossibbli u sors u l-kagun ta' litigji kontinwi bi hsara kbira mhux biss lill-partijiet izda aktar u aktar lil uliedhom.

**ADULTERJU.**

Il-konvenut jallega li martu ikkommettiet adulterju ma' Charles Poole, illum mejjet, li kienet impjegata mieghu fix-xoghol tal-banka tal-lottu. Hu jghid li kien hemm wisq kunfidenzi bejniethom, kienet izzommlu il-kelb, twasslu l-airport meta jsiefer u issuq il-karozza Pajero, propjeta' tieghu. Hu jghid li inkariga investigator gharbi li ghamel xaharejn fuq il-kaz u l-unici ritratti li rnexxhielu jigbed kienu meta wasslet lil Charles Poole l-airport.

L-attrici tikkontesta din l-allegazzjoni u tispjega li kient giet awtorizzata issuq il-karozza tieghu propju minnhabba n-natura tax-xoghol taghha li f'xi okkazzjonijiet kien jirrikjedi skarrigg ta' ammonti konsiderevoli ta' flus, li certament ma kienx rakkomandabbli li bihom tmur fuq tal-linja. L-attrici dwar dan hi korroborata minn Roberto Poole li hu bin Charles.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef** " deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964, dwar l-adulterju ntqal:

"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche dawn jkun gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Josephine Edwards vs Avukat Dottor CH. Xuereb noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti fit-22 ta' Frar 1961, ntqal:

"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt."

Ma jistax jinghad li fil-konfront tal-attrici irrizultaw provi gravi, precizi u konkordanti li jwasslu ghall-konvinzjoni li kellha relazzjoni adultera ma' Charles Poole, kif jallega l-konvenut. Il-fatt li wasslitu l-airport bil-karozza tieghu u li okkazzjonalment kienet tuza l-karozza tieghu minhabba l-esigenzi partikolari tax-xoghol taghha ma jammontawx ghall-cikostanzi gravi, precizi u konkordanti li jwasslu ghall-konvinzjoni li kien hemm relazzjoni intima bejniethom konsistenti f'adulterju. Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li l-allegat adulterju tal-attrici ma jirrizultax.

Mill-banda l-ohra pero' dak tal-konvenut jirrizulta ammess. Hu ma jichadx li Doreen Zammit ghamlet xi zmien tghix fl-apartament mieghu f'Bugibba, pero jinsisti li kien ha hniena minnha ghax kien kecciha 'l barra zewgha, u gieli wassalha il-Qorti. Jghid li ma kellux relazzjoni maghha, meta ried seta' jitfaghha

‘l barra, u kienet torqod fuq sufan fis-salott. Pero’ dwar Rita Agius, fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2012, Fol 1059, iddikjara: “ Ghandi partner habiba tieghi bhal ma ghandha hi. Jisimha Rita Agius u toqghod Santa Venera. Gieli rqadt ghandha pero’ ma nghix maghha. Relazzjoni maghha ma ghandix”.

Din d-dikjarazzjoni tammonta ghall-ammissjoni da parti tal-konvenut, li ma’ Rita Agius ghandu relazzjoni intima una volta jammetti li gieli raqghad ghandha. Jipprova jiggustifika ruhu billi jghid ‘bhal ma ghandha hi’. B’dik id-dikjarazzjoni, fejn il-konvenut proprju kien qed jakkuza lill-attrici b’adulterju, li jikkompara l-agir tieghu ma’ dak li bih kien qed jakkuza lill-martu huwa kjarament ammissjoni inkonxja da parti tal-konvenut li fil-verita’ kien ikkommetta adulterju mal-imsemmija Rita Agius.

Ezaminat mill-gdid ir-rikors guramentat tal-attrici jirrizulta li fil-premessi taghha ma takkuzax lill-konvenut b’adulterju, izda fost l-akkuzi taghha hemm inkluz “ingurji gravi”. Gie diversi drabi ritentu mill-Qrati taghna illi konfidenzi zejda minn ragel jew mara mizzewga ma’ terzi jammonta ghal ‘ingurja gravi’ anke jekk ma jirrizultax l-adulterju. Multo magis jekk l-adulterju jirrizulta fil-konfront tal-konvenut bhal fil-kaz odjern. Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-konvenut hati ta’ ingurji gravi fil-konfront tal-attrici.

Irid pero’ jinghad illi r-relazzjoni extra maritali tal-konvenut, ma kinitx ir-raguni primarja tal-falliment ta’ dan iz-zwieg stante li meta dik ir-relazzjoni bdiet iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet kien diga’ tkisser. Il-partijiet kienu diga’ hassew li kellhom jisseparaw fit-2005 izda ippruvaw jibdew kapitolu gdid bl-akkwist tad-dar, bl-isperanza li dar gdida igib hajja gdida, izda din id-decizjoni flokk kienet s-soluzzjoni tal-problemi taghhom, ikkrejat diffikultajiet ohra, partikolarment dawk finanzjarji billi dahlu fid-dejn mal-Bank u kellhom hafna spejjez biex jghammru dar gdida. Il-glied kontinwu tal-partijiet dwar kif kellhom jintnefqu il-flus sat-2008 rrenda il-konvivenza impossibbli.

**ECCESSI, MOHQRIJA u SEVIZZI.**

Fil-kawza fl-ismijiet “**Caterina Agius vs Benedict Agius**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Gunju 1967 ntqal li:

“Il-ligi taghna tqieghed bhala mottiv li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri”.

Fil-kawza fl-ismijiet “ **Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**” deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta’ Frar 1969 ntqal:

“ biex jkun hemm mohqrija jehtieg jkun hemm mhux xi att izolat ta’ xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f’certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux jkomplu jghixu flimkien”.

Fil-kas in ezami l-eccessi rrizultaw fil-konfront taz-zewg partijiet. Ir-ragel kien nervuz u rritabbli,u f’certi okkazzjonijiet vjolenti fil-konfront ta’ martu; l-attrici kienet tipprovokah kontinwament, ma hallietu jiehu xejn mid-dar anke meta kellu jmur l-Isptar biex jigi operat u kien jircevi messaggi ta’ theddied. Dawn fil-fehma tal-Qorti huma kollha forma ta’ eccessi.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju 1961, ntqal li :

“Certi fatti, kliem u modi ta’ azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi”.

Irrizulta li ghall-attrici kien sar insopportabbli l-atteggjament tal-konvenut, li ma kinitx tista’ tkellmu billi anke divergenza zghira kienet teskala ghall-argument u glied bejniethom, tant li bdiet ma tkellmux biex tevita dawn l-incidenti; bl-istess mod kien sar insopportabbli ghall-konvenut li l-anqas biss seta’ jidhol fil-kamra tas-sodda gewwa daru stess u f’diversi okkazzjonijiet kellu jitlob l-assistenza tal-Pulizija anke biex jidhol fid-dar.

L-eccessi u l-mohqrija huma ghalhekk attribwibbli liz-zewg partijiet.

**MANTENIMENT.**

B’Digriet tad-9 ta’ Jannar 2009, Fol 31, l-konvenut gie ordnat ihallas manteniment pendente lite ghall-attrici ta’ Euro 580 fix-xahar u Euro 233 fix-xahar ghal kull tifel minuri, u billi kien hemm zewg ulied li kienu minuri b’kollox kellu jhallas Euro 1046 fix-xahar.

B’Digriet tas-26 ta’ Mejju 2010, Fol 468, l-manteniment favur l-attrici gie ridott ghal Euro 186 kull erba’ gimghat, dak tal-ulied gie ridott ghal Euro 117 ghal kull minuri, u b’digriet tat-28 ta’ Settembru 2010, Fol 823, gie ridott ghal Euro 140 fix-xahar ghall-attrici billi tfal kollha saru maggjorenni u hadd minnhom ma kompla bl-istudji, la full time u lanqas part time.

L-attrici, Fol 532, pprezentat prospett tal-arrettrati tal-manteniment li sa Mejju 2010 kien jammonta ghal Euro 9,695.86. Dan l-ammont ma giex kkontestat mill-

konvenut li ammetta li ghandu jhallas arrettrati ta' manteniment ta' circa Euro 10,000 u li l-attrici tista' tithallas dan l-ammont meta jinbiegh il-post (seduta tal-4 ta' Gunju 2014, Fol 979.).

Il-Perit legali korrettement ikkonkludiet li dan l-ammont ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici, u billi rrizulta li gie sekwestrat f'idejha l-ammont ta' Euro2,198.14 dan l-ammont ghandu jigi assenjat lilha flimkien mal-bilanc ta' Euro7,497.72.

Il-Perit Legali waslet ghall-konkluzjoni li billi l-htija tal-firda hija attribwibbli liz-zewg partijiet, ebda manteniment ma hu dovut lill-xulxin. Il-Qorti taqbel ma' tali rakkomandazzjoni u qeghda tadottaha.

It-tfal tal-partijiet huma illum kollha maggiorenni, u ma komplewx bl-istudju taghhom, ghalhekk ma hemmx lok li jinghata xi provvediment dwar manteniment favur it-tfal.

**PARAFERNALI MARA.**

Il-mara wirtet s-somma ta' LM6,500 minn ghand missierha, l-ammont ta'LM4,000 cioe' Euro 9,320, thallas ghall-boll u spejjez fl-akkwist tal-post tal-Hamrun. Il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha tircevi dan l-ammont bhala kreditu parafernali gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.

Il-bilanc ta' LM2,500 investithom f'bonds li sussegwentement bieghithom biex issellef il-flus it-tifel, u meta dan hallasha lura tghid nefqithom fi spejjez ghall-familja. Dwar dan l-ahhar ammont ewivalenti ta' Euro 5,823.43 ma saret l-ebda prova u ghalhekk it-talba tal-attrici fir-rigward qed tigi rigettata. L-attrici, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, Fol 1264 tikkontendi li peress li dawn l-ammonti ma gewx kkontestati mill-konvenut, hi ghandha d-dritt ghalihom. Fil-verita' jekk l-kreditu pretiz hux gustifikat jew le ma jiddependix biss mill-linja difensiva addottata mill-konvenut, sakemm dan ma jammettiex li l-ammont hu dovut. Billi l-attrici ddikjarat li b'dawn l-flus kienet akkwistat Bonds, setghet tipprovdi prova dokumentata ta' dan l-akkwist u procedralment kien jinkombi fuqha il-pis ta' din l-prova. Din l-ahhar pretensjoni ghallhekk ma tirrizultax sufficjentement ippruvata.

L-attrici tipprettendi ukoll, Fol 1265, li tithallas l-ammont ta'Euro 4,658.75 l-ekwivalenti ta' LM2,000 li wirtet ukoll minghand missierha meta nbieghet l-karozza tieghu u nqassmu l-kontijiet bankarji li kellu. Pero' anke dwar dan l-

ammont, apparti d-dikjarazzjoni tal-attrici ma saret l-ebda prova ta' meta rceviet dan l-ammont u l-anqas f'hiex nefqithom.

L-attrici tiprettendi in oltre li l-konvenut jirritornalha zewg crikiet li kienet rceviet bhala rigal minghand il-genituri taghha. Dawn kien hadhom ir-ragel flimkien ma x'oggetti ohra meta telaq mid-dar konjugali. Hi kienet ghamlet rapport dwar dan mal-Pulizija fl-20 ta' Ottubru 2008, Dok CS 11. Il-konvenut kkonferma, kontroezami tieghu li sar fl-20 ta' Gunju 2013, li meta telaq mid-dar fost affarjiet ohra ha d-deheb.

Il-Perit Legali tirrakkomanda li l-konvenut ghandu jirritorna dawn ic-crieket lill-attrici. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, Fol 1265 l-attrici tipprettendi li fin-nuqqas tal-konsenja l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom. L-attrici ddikjarat li c-crieket jiswew LM250 il-wiehed cioe' LM500 l-ekwivalenti ta' Euro1,165. Din il-pretensjoni tirrizulta gustifikata u ghalhekk qed tikkundanna lill-konvenut sabiex zmien gimgha millum jghaddi lill-attrici z-zewg crieket imsemmija jew fin-nuqqas ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, mija u hamsa u sittin ewro (Euro 1,165).

L-attrici tipprettendi ukoll l-ammont ta' Euro 5,823.43 ( LM2,500) li kien thallas minnha bhala depozitu meta xtraw l-ewwel fond taghhom u kienu ghadhom gharrajjes. Il-konvenut meta xehed in kontroezami fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2013 jammetti li martu kienet hallset depozitu pero' ta' LM2,000 u mhux ta' LM2,500. L-pretenjoni tal-attrici fl-ammont ta' Euro 4,658.75 (LM2,000) hi ghalhekk ggiustifikata..

L-kreditu parafernali totali dovut lill-attrici qed jigi stabbilit fis-somma ta' ta' Euro 15,143.75 ( Euro 9320 + Euro 1165 +Euro4658.75) jew Euro 13,978.75 jekk il-konvenut jirritorna c-crieket lill-attrici.

**PARAFERNALI RAGEL.**

Ir-ragel wiret minghand missieru l-ammont ta' LM3,500 l-ekwivalenti ta' Euro8,155. Dan hu kkonfermat minn huh Martin B Fol 54 u Fol 946. Il-konvenut ikkonferma li bil-flus xtara washing machine, television u xi deheb, hames cuff links tad-deheb u gizirana bil-valur ta' LM600.

L-attrici, fin-nota gja msemmija, Fol 1266, tikkontesta dan l-ammont u ssostni li li zewgha gab biss mieghu id-dar l-ammont ta' LM2000 u taqbel li ghandu jinghata refuzjoni f'dak l-ammont l-ekwivalenti ta' Euro4,658.75.

Il-Perit Legali kkonkludiet li l-konvenut ghandu jircevi l-ammont kollu li wiret cioe' LM3,500 l-ekwivalenti ta' Euro 8,155.

Fil-fehma tal-Qorti l-pretensjoni tal-konvenut hi gutifikata limitatament fl-ammont Euro 4,658.75 billi rrizulta li l-konvenut ha d-deheb mieghu meta telaq mid-dar konjugali.

**DAR MATRIMONJALI**

Id-dar matrimonjali tal-partijiet tinsab f'103, Lechuza, Triq Giovanni Barbara Hamrun. Il-konvenut ammetta li wara li telaq mid-dar ma baqax jaghmel pagamenti. Ghadu dovut fuq din d-dar il-bilanc tal-loan dovut lill HSBC Bank (Malta) plc u rrizulta mill-provi li omm l-attrici, Dorothea Buttigieg hallset pagamenti fl-ammont ta' Euro 3,496.89.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ammont ghandu jithallas mill-partijiet lil Dorothea Buttigieg u l-attrici ghandha tircevi minn ghand il-konvenut nofs l-ammonti minnha mhallsa lill-Bank, b'effett minn Settembru 2008.

L-attrici, wara li elenkat dak li fil-fehma taghha ghadu dovut mill-partijiet, Fol 1268, ipproponiet li l-manteniment lillha dovut jigi kapitilizzat u tircevi sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma illi d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh u titpogga fis-suq ghall-prezz ta' Euro 175,000, jew prezz iehor miftiehem bejn l-partijiet. Jekk ma jigix iffirmat konvenju fi zmien sena millum id-dar tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti. Mir-rikavat l-ewwel jithallas id-dejn tal-komunjoni u l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**MOBBLI FID-DAR MATRIMONJALI.**

L-Perit Legali ssuggerit li l-oggetti li kienu tal-genituri tal-attrici ghandhom jigu assenjati lilha, dawn huma: l-lampshade, il-kolonna, li kienu ta' missierha, il-cutlery ta' ommha u l-labra tad-deheb ta' ommha. L-attrici ddikjarat li meta zewgha telaq mid-dar ha camera tar-ritratti professjonali u lentijiet li inxtraw bil-prezz ta' Euro 1200, generator li jiswa Euro 600,ghodda li jiswew Euro 700 u jack tal-hydrolic li jiswa Euro 200, b'valur komplessiv ta' Euro 2,700. Dwar dawn l-attrici ghamlet rapport lill-Pulizija fl-20 ta' Ottubru 2008 Dok CS 11

Il-Perit Legali kkonkludiet li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici Euro 600 nofs il-valur tal-camera u l-lentijiet.

L-attrici fin-nota taghha, Fol 1269 tikkontendi li kemm-il darba dawn l-oggetti jigu assenjati lir-ragel hu jkun obbligat jhallas lill-attrici nofs il-valur taghhom cioe' Euro 1,350.

Billi l-konvenut ma ikkontestax li dawn l-oggetti kienu fil-pussess tieghu, ghandhom jigu lilu assenjati u hu ghandu jhallas nofs il-valur taghhom lill-attrici.

Il-konvenut ghamel elenku tal-oggetti kollha li halla fid-dar konjugali, Fol 623. Hemm kwantita' kbira ta' oggetti li jinsabu fid-dar matrimonjali.

Billi fic-cirkostanzi d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh l-partijiet ghandhom jaqblu liema oggetti ghandhom jinbieghu mad-dar, dawk li jaqblu li ma jinbieghux ghandhom jigu stmati minn stimatur nominat mill-Qorti fuq talba tal-partijiet, jew wahda minnhom, u jigu divizi bejniethom skont il-valur moghti mill-istimatur bil-polza jew bi ftiehem jekk jaqblu.

**KONTIJIET BANKARJI.**

Fic-cirkostanzi il-Qorti hi tal-fehma illi dawk il-kontijiet bankarji li jinsabu intestati esklussivament f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati lilha filwaqt li l-kontijiet bankarji intestati esklussivament f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu. Fir-rigward tal-joint accounts dawn ghandhom jinghalqu u l-bilanci jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet.

**POLOZ TAL-ASSIKURAZZJONI.**

Il-partijiet ghandhom Savings Plan Policy numru 100-105081 f'isem il-partijiet li skont ir-rapprezentant tal-Bank ghandha surrender value ta' Euro 3530.56 sat-12 ta' Ottubru 2010, Fol 484. Il-konvenut jghid li l-valur tal-Polza hu ta' Euro 4509.62. Il-konvenut fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 ikkonferma li ma qabilx li din tissarraf u jithallas pagament lill-Bank billi b'hekk kien jithallas biss parti mid-dejn mhux il-bilanc kollu dovut. F'isem il-konvenut ma hemmx policies.

Hemm Policy ohra f'isem l-attrici, Home Loan Reducing Protection Policy numru 330001462 li tkopri il-bilanc dovut mill-loan f'kaz ta' mewt.

Kif tajjeb irrakkomandat il-Perit Legali l-Policy numru 100-105081 ghandha tissarraf u r-rikavat jmur bhala pagament ghall-house loan. Il-Policy l-ohra tieqaf awtomatikament malli tithallas il-loan.

**VETTURI.**

Il-Perit Legali, Fol 1193 ddikjarat li rrizulta , Fol 502 li fuq il-mara hemm erba' vetturi, opel Corsa IAU 746 li hi garaged, Opel Corsa LCF 339, Hinda crx KAE 534 u Skoda favorit FBC 092. Il-mara tghid li l-Honda KAE 534 hi ta' Loujean u l-Honda Prelude ABI 417 hi ta' Larken. Kellha accident bil-vettura Nova u flokha gabet Skoda li hi wiefqa ukoll.

Fuq ir-ragel kien hemm hames vetturi, tnejn minnhom gew scrapped, Austin A 50 scapped fl-20 ta' Ottubru 2005 u Renault 8 li giet scrapped fit-3 ta' Awwissu 1998.
Ghandu Mazda 929 KVN 929, Renault Fuego JAN 379 u Hyundai Stellar IAL 604.

Skont il-konvenut ir-Renault JAN 379 nxtrat fiz-zwieg bil-prezz ta' LM900, pero' hemm multi u licenzji b'lura x'jithalsu fl-ammont ta'Euro 1505.43 u giet scrapped. Xtara Hyundai Stellar IAL 604 bil-prezz ta'LM1500, fuqha kien hemm hafna citazzjonijiet, scrappjha u tawh biss Euro 60. Hemm dejn fuqha fl-ammont ta'Euro 1044.30. Wara xtara il-Mazda bil-prezz ta' LM1000 izda tinsab f'garage billi ma ghandux flus biex jhallas il-licenzja, assikurazzjoni u kontijiet ohra. Il-konvenut ikkonferma li l-Hyundai Stellar giet scrapped u l-mazda 929 bieghha ghal Euro 500.

L-attrici fin-nota taghha Fol 1270 tipprettendi is-somma ta' Euro 4076 bhala sehemha ta' nofs il-valur tal-vetturi fis-sena 2008.

Il-Perit Legali rrakkomandat li l-mara tigi assenjata l-ammont ta' Euro 280 rapprezentanti nofs lis-scrape value ta' dawn il-vetturi.

Billi rrizulta li biz-zmien il-vetturi saru bla valur, apparti l-multi u l-arretrati tal-licenzji li ma thallsux, kull parti ghandha izzomm il-vetturi registrati f'isimha, u l-mara ghandha tircevi mill-konvenut is-somma ta' Euro 280 nofs lis-scrape value tal-vetturi li gew scrapped.

**KONTIJIET PENDENTI.**

L-attrici fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 ddikjarat li meta zewgha telaq mid-dar fit-2008 kien hemm arretrati fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' Euro1050.

Dan l-ammont ghandu jithallas mir-ragel u l-bilanc ghandu jihallas mill-mara. Ir-ragel ghandu in oltre jhallas l-ammont ta' Euro 140 *reconnection fee* billi mix-xhieda ta' Michael Buttigieg ghall-Arms Limited l-provvista tad-dawl giet sospiza fuq talba tieghu.

**KONT TAT-TAXXA TAL-MARA.**

L-attrici tammetti Fol 523, li l-kont tat-taxxa minnha dovut meta kienet xebba fl-ammont ta' LM500 (ekwivalenti ghal Euro 1165) thallas fiz-zwieg biex setghu jiehdu l-house loan. L-attrici fin-nota taghha, Fol 1271, tissottometti li l-konvenut ghandu dritt ghal nofs l-ammont cioe' Euro 582.34. Din is-sottomissjoni hi legalment koretta billi l-ammont ma thallax minn fondi propjeta' parafernali tal-konvenut izda minn fondi tal-komunjoni billi l-ammont thallas waqt iz-zwieg.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad u takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut konformement ma' dawk hawn deciz,

1. Tilqa' in parti l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehm indaqs bejniethom kif fuq spjegat;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici dwar il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri billi illum dawn huma maggiorenni;

3. Tichad it-tielet talba attrici dwar il-manteniment, billi tiddikjara u tiddeciedi li l-ebda parti ma hi obbligata thallas manteniment lill-parti l-ohra filwaqt li l-ebda manteniment ma hu dovut ghall-ulied li hadd minnhom m'ghadu minorenni u hadd minnhom ma qed isegwi kors ta' studju full time. ;

4. Tilqa' ir-raba talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar jirritorna lill-attrici l-oggetti propjeta' parafernali taghha, indikati supra, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas l-valur taghhom kif fuq stabbilit u dwar dawk li l-valur taghhom mhux stabbilit minn stimatur li jigi nominat fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet;

5. Tilqa' il-hames talba attrici, tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 u 52 tal-

Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tikkommina kontra l-partijiet is-sanzjonijiet u d-disposizzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikoli 48 tal-Kodici Civili;

6. Tilqa' is-sitt talba attrici,, tordna d-divizzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll l-assenjazzjoni tal-assi parafernali u l-krediti rispettivi bil-mod deciz supra.

7. Tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba in kwantu f'dan l-istadju ma hiex necessarja.

8. Tilqa' parzjalment it-tmien talba billi tawtorizza lill-attrici tirrisjedi fid-dar matrimonjali zmien sitt xhur millum ad eskluzzjoni tal-konvenut bl-obbligu illi taghti access lill-konvenut u lil terzi fl-ezercizzju ghall-bejgh tad-dar matrimonjali.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**